

32002R2004

L 308/22

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

9.11.2002

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2004/2002

tat-8 ta' Novembru 2002

li għandha x'taqsam mal-proċedura li tiddetermina l-kontenut tal-laħam u x-xaħam ta' ċerti prodotti tal-laħam tal-majjal

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 275975 tad-29 ta' Ottubru 1975 rigward l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tal-majjal⁽¹⁾, bħalma ġie emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1365 2000⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(12) ta' dak l-istess Regolament,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 265887 tad-23 ta' Lulju 1987 fuq il-prezz u nomenkultura statistika u fuq it-Tariffa Doganali Komuni⁽³⁾, bħalma ġie emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 9692002⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 ta' l-istess Regolament,

Filwaqt li:

- (1) Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 384687 tas-17 ta' Diċembru 1987 li jstabbilixxi nomenkultura ta' prodott agrikolu għal rimborżar ta' esportazzjonijiet⁽⁵⁾, bħalma ġie emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 10072002⁽⁶⁾, stabbilixxa, fuq bażi tan-nomenkultura kkumbinata, nomenkultura ta' prodott agrikolu għal rimborżar ta' esportazzjonijiet.
- (2) Provvedimenti huma meħtieġa sabiex jiżguraw applikazzjoni sħiħa tan-nomenkultura fl-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 384687 fis-settur tal-laħam tal-majjal meta wieħed iqis ukoll il-klassifikazzjoni ta' prodotti li jaqgħu fi ħdan kodiċi tal-prodott 1602 41 10 9110, 1602 41 10 9130, 1602 41 10 9110, 1602 42 10 9130 u 1602 49 19 9130.
- (3) Huwa neċessarju li wieħed jiddefinixxi proċedura sabiex jiġi iddeterminat il-persentaġġ skond it-toqol tal-laħam u x-xaħam.
- (4) Regolament al-Kummissjoni (KEE) Nru 158389 tas-7 ta' Ġunju 1989 li tirrelata mal-proċedura li tiddetermina l-kontenut tal-laħam u tax-xaħam ta' ċerti prodotti tal-majjal⁽⁷⁾ jstabbilixxi proċedura li tiddetermina l-persen-

taġġ skond it-toqol tal-laħam u tax-xaħam. Madankollu, id-deskrizzjoni tal-prodotti li għalihom hemm referenza f'dak ir-Regolament ma tikkorrispondix iktar għar-realtà u għalhekk għandha tiġi emendata. F'dan it-tibdil għandha wkoll tittieħed l-opportunita sabiex jiġu rranġati r-regoli rilevanti u sabiex it-test il-ġdid jiġi bbażat fuq l-Artikolu 37 tat-Trattat, ladarba għandu x'jaqşam esklussivament l-applikazzjoni uniformi tan-nomenkultura ta' prodott agrikolu għal rimborżar ta' esportazzjonijiet.

- (5) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament qegħdin fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tad-Direzzjoni għal-Laħam tal-Majjal u l-Kumitat tal-Customs Code li għandu x'jaqşam ma' elementi ġejjin minn partijiet rispettivi ta' responsabiltà tagħhom.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-persentaġġ skond it-toqol tal-laħam u x-xaħam fi prodotti li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi tal-prodott, 1602 41 10 9110, 1602 41 10 9130, 1602 42 10 9110, 1602 42 10 9130 u 1602 49 19 9130 tan-nomenkultura li hemm fl-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 3846/87 se tkun determinata skond il-proċedura deskritta fl-Anness ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 2

Regolament (KEE) Nru 158389 huwa kanċellat.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament se jiġi mwettaq fis-seba ġurnata minn wara l-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Se jiġi applikat għal liċenzji ta' esportazzjoni li għalihom tkun saret applikazzjoni mit-18 ta' Novembru 2002.

(¹) ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 1.
 (²) ĠU L 156, tad-29.6.2000, p. 5.
 (³) ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
 (⁴) ĠU L 149, tas-7.6.2002, p. 20.
 (⁵) ĠU L 366, ta' l-24.12.1987, p. 1.
 (⁶) ĠU L 153, tat-13.6.2002, p. 8.
 (⁷) ĠU L 156, tat-8.6.1989, p. 13.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-8 ta' Novembru 2002.

Lill-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membri tal-Kummissjoni

L-ANNESS

PROCĊEDURA ANALITIKA

Il-kontenut tal-laħam u x-xaħam huwa determinat kif ġej:

1. Metodi analitiċi:
 - 1.1. Kampjuni omoġenji u rappreżentattivi tal-prodott tal-laħam għandhom jiġu preparati għall-analiżi.
 - 1.2. Metodi analitiċi jridu jiġu użati kif ġej:
 - 1.2.1. nitroġenu: kontenut tan- nitroġenu irid jiġi determinat-metodu Kjeldahl,
 - 1.2.2. ilma: kontenut ta' ilma jrid jiġi determinat fil-laħam u prodotti tal-laħam-ISO 1442-1997,
 - 1.2.3. xaħmijiet: il-kontenut kollu tax-xaħam irid jiġi determinat –estrazzjoni b'dawl *petroleum* wara *hydrolysis* u *hydrochloric acid*,
 - 1.2.4. irmied: il-kontenut ta' rmied irid jiġi determinat fil-laħam u prodotti tal-laħam – ISO 936-1998.
 - 1.3. Il-bżonnijiet ISO li ssemmew hawn fuq u li għandhom x'jaqsmu mal-kampjuni mhumiex obbligatorji fejn jidħol dan ir-Regolament.
2. Kalkolazzjoni tal-kontenut tal-laħam u tax-xaħam:

% ta' laħam nieqes mix-xaħam

$$DM = \frac{NT - N_x}{f} \times 100$$

% total ta' laħam u xaħam

$$= DEM + F$$

Fejn:

NT = nitroġenu totali determinat mill-analiżi (%skond it-toqol)

N_x = nitroġenu ta' oriġini li mhux laħam (% skond it-toqol)

f = Kontenut medju ta' nitroġenu (% skond it-toqol) fl-aħam mingħajr xaħam li hemm fil-prodott; il-valur ta' dan il-fattur huwa:

3,5 għall-prieżet taħt il-kodiċi tal-prodott 1602 41 10 9110 u 1602 41 10 9130

3,35 għall-ispalla u biċċiet minnha taħt il-kodiċi tal-prodott 1602 42 10 9110 u 1602 42 10 9130

3,35 għal prodotti oħra tal-kodiċi tal-prodott 1602 49 19 9130

F = kwantità ta' xaħam li jista' jitneħħa (% skond it-toqol) determinat mill-analiżi.

Il-kontenut totali ta' nitroġenu u xaħam li jista' jitneħħa huwa determinat mill-metodi msemmija f'paragrafi 1.2.1 u 1.2.3. Huwa possibbli wkoll li l-kontenut ta' l-irmied (1.2.4) u ta' l-ilma (1.2.2) jiġi assessjat u li bit-tnaqqis, l-ingredjenti l-oħra jinkisbu wkoll.

Sabiex il-valur tan- nitroġenu ta' oriġini mhux mil-laħam (fattur N_x) jiġi rranġat, huwa neċessarju li tkun taf il-kwantità ta' kull ingredjent li fih in- nitroġenu kif ukoll il-kontenut tan- nitroġenu ta' dawn l-ingredjenti.

It-tabella li ġejja turi l-kontenut tan- nitroġenu ta' xi ingredjenti tipiċi ta' oriġini mhux mil-laħam li fihom in-nitroġenu, li jistgħu jinstabu fi prodotti tal-laħam:

Non-meat products	% tan- nitroġenu fi prodotti li mhux laħam skond it-toqol
Casein	15,8
Sodium caseinate	14,8
Soya isolate	14,5
Textured soya	8,0
Tqiq soya	8,0
Monosodium glutamate (MSG)	8,3

Fejn għandna x'naqsmu ma' repetizzjoni ta' proċedura analitika, għandu jkun hemm referenza għall-ISO rilevanti.

Ir-riżultat medju ta' mill-inqas żewġ konklużjonijiet irid jiġi kkunsidrat.